MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Numru 1065/2013

Il-Pulizija

Spettur Trevor Micallef

vs

Elton Edward Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 188578m akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Ottubru 2013 ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu (02:00am) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku , waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza vi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiex bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad illi kien xurban qal kliem oxxen jew indicenti , jew ghamel atti jew gesti oxxeni fil-pubbliku;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghat xhieda;

Semghat l-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu opportunita' jirrikonsidra;

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata maghmula fi stadju bikri tal-proceduri, l-Qorti mhux tal-fehma li ghal din id-darba ghandha tadotta piena karcerarja; ghalhekk wara li rat l-Artikolu 95, 96, 338(dd), 338(dd), 338(ee), 338(bb) u 17 (d) tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------